MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 301/2012

**Costantino Azzopardi ID 100752M u b'digriet tat-Tribunal tat-22 ta' Novembru2012 giet ordnata t-trasfuzzjoni tal-atti fl-ismijiet ta' Loriza Zammit, Catherine Grech, Omar Azzopardi u Luke Azzopardi.**

**vs**

**Emanuel Bugeja ID 103561 ezercenti fil-Kummerc Tophat Co Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 t'April 2012, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' elf Euro (€1,000.00c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-7 ta’ Ottubru 2013, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf Euro (€1,000.00c) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------